



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Diċembru 2015
(OR. en)

EUCO 28/15

CO EUR 13
CONCL 5

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (17 u 18 ta' Diċembru 2015) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. MIGRAZZJONI

1. Matul ix-xhur li għaddew, il-Kunsill Ewropew żviluppa strateġija li għandha l-għan li twaqqaf il-flussi migratorji bla preċedent li qed tiffaċċa l-Ewropa. Madankollu, l-implimentazzjoni mhijiex suffiċjenti u għandha bżonn titħaffef. Biex tiġi ssalvagwardata l-integrità ta' Schengen huwa indispensabbli li jerġa' jinkiseb kontroll fuq il-fruntieri esterni. In-nuqqasijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-hotspots, ir-rilokazzjoni u r-ritorn, għandhom jiġu indirizzati malajr. Jeħtieġ li b'urġenza l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri:
 - a) jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-fruntieri esterni ta' Schengen, b'mod partikolari billi jiżguraw kontrolli ta' sigurtà sistematiċi mal-bażijiet ta' data rilevanti, u jipprevjenu l-frodi tad-dokumenti;
 - b) jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-funzjonament tal-hotspots, inkluż billi jistabbilixxu l-kapaċità ta' akkoljenza neċessarja biex jilhq u l-oġettivi tagħhom; jaqblu malajr dwar kalendarju preċiż biex aktar hotspots isiru operazzjonali; jiżguraw li l-Frontex u l-EASO jkollhom l-għarfien espert u t-tagħmir neċessarji;
 - c) jiżguraw li l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' jsiru b'mod sistematiku u komplet, u jieħdu miżuri biex jindirizzaw ir-rifjut tar-reġistrazzjoni u jwaqqfu l-flussi sekondarji irregolari;
 - d) jimplimentaw deċiżjonijiet dwar ir-rilokazzjoni kif ukoll jikkunsidraw li jinkludu fost il-benefiċjarji tad-deċiżjonijiet eżistenti Stati Membri oħra li jkunu taħt pressjoni qawwija u li jkunu talbu dan;
 - e) jieħdu miżuri konkreti biex jiżguraw li l-persuni li mhumix awtorizzati jibqgħu, jirritornaw verament u jiġu riammessi, u jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' ritorn;
 - f) isaħħu l-miżuri biex jiġu miġġielda l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin;

- g) jiżguraw l-implimentazzjoni u s-segwitu operazzjonali għal:
- il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant - Balkani tal-Punent; f'dan il-kuntest huwa importanti li l-pajjiżi li mhumex Stati Membri tal-UE li qegħdin fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent jingħataw għajjnuna biex jagħmlu r-reġistrazzjoni skont l-istandards tal-UE;
 - is-Summit tal-Belt Valletta, b'mod partikolari fir-rigward tar-ritorn u r-riammissjoni, u
 - d-Dikjarazzjoni UE-Turkija tad-29 ta' Novembru 2015 u l-Pjan ta' Azzjoni UE-Turkija; f'dan il-kuntest il-COREPER mitlub jikkonkludi malajr il-ħidma tiegħu fuq kif jiġu mobilizzati t-EUR 3 biljun għall-Faċilità għar-Refuġjati għat-Turkija;
- h) ikomplu jimplimentaw l-iskema miftiehma ta' risistemazzjoni;
- i) ikomplu jsegwu mill-qrib il-flussi tul ir-rotta tal-migrazzjoni sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi.
2. Il-Kunsill għandu jkompli l-ħidma fuq il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi, b'kont meħud tal-esperjenza li nkisbet, u jiddeċiedi malajr fuq il-pożizzjoni tiegħu dwar il-lista ta' pajjiżi ta' orijini sikuri. Il-Kunsill huwa mistieden li jeżamina malajr is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-Afganistan. Il-Kunsill għandu jeżamina malajr il-proposti tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru dwar "Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta", il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, "Skema volontarja għall-ammissjoni umanitarja", u d-dokumenti tal-ivvjaġġar għar-ritorn. Il-Kunsill għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-"Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta" taħt il-Preżidenza Netherlandiża. Il-Kummissjoni ser tippreżenta malajr ir-rieżami tas-sistema ta' Dublin; sadanittant, jeħtieġ li jiġu implimentati r-regoli eżistenti. Dalwaqt ser tippreżenta wkoll proposta riveduta dwar il-Fruntieri Intelliġenti.
3. Il-Preżidenza, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jirrapportaw lura dwar il-progress qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Frar.

II. IL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

4. L-attakki terroristiċi ta' Pariġi tat-13 ta' Novembru 2015 servew biex isaħħu d-determinazzjoni tagħna biex inkomplu l-ġlieda tagħna mingħajr compromessi kontra t-terroriżmu u biex nagħmlu użu sħiħ mill-għodod kollha li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, inkluża l-kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab ewlenin bħalma huma l-Istati Uniti. Il-miżuri stipulati fid-Dikjarazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tat-12 ta' Frar 2015, inklużi daww imfissra fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2015, jeħtieġ li jiġu implimentati b'mod urġenti. Il-Kunsill Ewropew ser jeżamina s-sitwazzjoni regolarment.
5. L-attakki terroristiċi reċenti juru b'mod partikolari l-urġenza li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta':
 - a) l-iżgurar tad-dħul sistematiku ta' data dwar ġellieda terroristi barranin fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II;
 - b) l-iżgurar tal-kondiviżjoni sistematika tad-data tar-rekords kriminali ta' persuni marbuta mat-terroriżmu (u l-kriminalità serja u dik organizzata) u l-estensjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;
 - c) l-iżgurar tal-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data rilevanti fir-rigward tal-kontrolli tas-sigurtà;
 - d) it-titjib fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-appoġġ għall-ħidma taċ-Ċentru l-ġdid tal-Europol għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, u
 - e) iż-żieda fil-kontributi tal-Istati Membri għall-bażijiet ta' data tal-Europol, kif ukoll l-għoti ta' aċċess lill-Frontex u lill-Europol għall-bażijiet ta' data rilevanti.
6. Il-ftehim bejn il-koleġislaturi dwar il-proposta għal Direttiva dwar l-użu tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jwitti t-triq għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tagħha li ser jikkostitwixxu pass kruċjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-impenn tal-Istati Membri kollha li japplikaw il-PNR għat-titjiriet ġewwa l-UE, kif ukoll għall-entitajiet li mhumiex kumpanniji tal-ajru bħal aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi.

7. L-impenn li ttieħed mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fi Frar li għadda għal kooperazzjoni akbar bejn is-servizzi ta' sigurtà għandu jittkompla, b'rispett sħiħ tar-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri għas-sigurtà nazzjonali, b'mod partikolari billi l-iskambju ta' informazzjoni tagħhom jiġi strutturat aktar sabiex l-Istati Membri interessati jkunu jistgħu jwettqu analiżi operazzjonali konġunta aħjar tat-theddid.
8. Huwa kruċjali wkoll li l-Istati Membri jimplimentaw kontrolli sistematiċi u kkoordinati fil-fruntieri esterni, inkluż fuq individwi li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu.
9. Il-Kunsill ser jeżamina malajr il-proposti tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u dwar l-armi tan-nar, b'mod partikolari dawk dwar l-armi tan-nar semiawtomatiċi ta' saħħa qawwija. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw b'mod sħiħ ir-Regolament dwar il-prekursuri tal-isplussivi.
10. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jieħdu malajr aktar azzjoni kontra l-finanzjament tat-terroriżmu fl-isferi kollha identifikati mill-Kunsill tal-20 ta' Novembru; b'mod partikolari fir-rigward tal-iffriżar tal-assi u miżuri restrittivi oħrajn, għandha tingħata prijetà għat-tisħiħ, u jekk hemm bżonn, l-estensjoni, tal-miżuri eżistenti biex tiġi indirizzata l-attività relatata mal-ISIL/Da'esh madwar l-UE.
11. L-UE ser issaħħaħ b'mod urġenti l-involviment fil-ġlieda kontra t-terroriżmu mas-sħab fl-Afrika ta' Fuq, fil-Lvant Nofsani, fit-Turkija u fil-Balkani tal-Punent.
12. Sabiex jingħata appoġġ għall-investigazzjonijiet kriminali, il-ħidma fuq il-kisba tal-evidenza elettronika ser titmexxa 'l quddiem, speċjalment meta din tkun tinsab barra mill-pajjiż. Din ser tinkludi aktar involviment mal-industrija tal-internet.
13. Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu ser isegwu s-sitwazzjoni mill-qrib u jirrapportaw lill-Kunsill.

III. UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

14. Wara r-rapport tal-Ħames Presidenti dwar l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja mitlub mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2014, il-Kunsill Ewropew jikkonferma l-impenn tiegħu li jaħdem lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, b'rispett sħiħ tas-suq intern u b'mod miftuħ u trasparenti. Huwa jitlob lill-Kunsill biex jeżamina malajr il-proposti mressqa mill-Kummissjoni bħala segwitu għar-rapport. B'mod partikolari, il-ħidma għandha tavvanza b'mod rapidu fir-rigward ta':

- a) governanza ekonomika u fiskali aktar effettiva, biex tingħata spinta lill-kompetittività, il-konverġenza u s-sostenibbiltà;
- b) ir-rappreżentazzjoni esterna taż-żona tal-euro, biex tirrifletti aħjar l-importanza tagħha fl-ekonomija dinjija;
- c) l-Unjoni Bankarja, biex tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro.

Il-Kunsill ser jirrapporta dwar il-progress li jkun sar sa Ġunju 2016.

15. Jeħtieġ li jiġu esplorati aktar l-aspetti legali, ekonomiċi u politiċi tal-miżuri aktar fit-tul li jinsabu fir-rapport. Minbarra l-ħidma addizzjonali li ser issir mill-Kummissjoni u l-Kunsill, il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal daww il-miżuri mhux aktar tard minn tmiem l-2017.

IV. SUQ INTERN

16. Is-suq intern huwa l-mutur ewlieni tal-Ewropa għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi u element importanti ferm għall-investment u biex tiżdied il-kompetittività Ewropea. Sabiex jitgawdex il-benefiċċji kollha tiegħu, huwa kruċjali li l-leġislazzjoni tiegħu tkun trasparenti, sempliċi u bbażata fuq l-għodod l-aktar effiċjenti, bħall-armonizzazzjoni kif ukoll ir-rikonoxximent reċiproku. Għandha wkoll tiġi applikata b'mod effettiv u b'mod sħiħ u tiġi infurzata fil-prattika, filwaqt li tiġi adattata għall-isfidi li qed jitfaċċaw u jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi fuq l-atturi ekonomiċi. Minbarra l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex jissaħħaħ u jiġi approfondit is-Suq Uniku, il-Kunsill Ewropew:
- a) jappella għall-implimentazzjoni ambizzjuża tal-pjan direzzjonali li ser iwassal għat-twerttiq tal-Istrateġija tas-Suq Uniku biex jinkiseb Suq Uniku aktar approfondit u ġust għal oġġetti u servizzi fl-oqsma ewlenin kollha;
 - b) fl-interess tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozju, jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali; jilqa' l-qbil li ntlaħaq rigward il-pakkett dwar il-protezzjoni tad-data bħala pass importanti 'l quddiem;
 - c) b'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni għal Unjoni tas-Swieq Kapitali, jistieden lill-Parlament u lill-Kunsill biex jilhqqu ftehim rapidu dwar l-azzjonijiet inizjali, inkluża t-titolizzazzjoni.
17. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li huwa jagħti lill-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati tat-TTIP. Huwa jħeġġeġ lin-naħat kollha biex iżidu l-isforzi tagħhom bil-ħsieb li jiġi konkluż kemm jista' jkun malajr ftehim ambizzjuż, komprensiv u ta' benefiċċju reċiproku bil-ħsieb li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija transatlantika.

V. UNJONI TAL-ENERĠIJA B'POLITIKA DWAR IL-KLIMA LI TĦARES 'IL QUDDIEM

18. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu storiku li nkiseb f'Pariġi fejn id-dinja adottat l-ewwel ftehim globali u legalment vinkolanti dwar il-klima li qatt sar, bil-għan li t-tisħin globali jinżamm għal ferm inqas minn 2°C u biex isiru sforzi biex dan jiġi limitat għal 1.5°C. Huwa jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jivvalutaw ir-riżultati tal-COP21 sa Marzu 2016, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 u biex iħejju l-passi li jmiss.

19. Il-Kunsill Ewropew ivvaluta l-progress fil-bini tal-Unjoni tal-Enerġija b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem fid-dimensjonijiet kollha tagħha. F'dan il-kuntest, jappella għal:
- a) preżentazzjoni malajr tal-proposti legiſlattivi rilevanti f'konformità mal-gwida preċedenti tiegħu;
 - b) l-implimentazzjoni sħiħa tal-legiſlazzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli, dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u dwar miżuri oħra, bħal titjib fl-opportunitajiet ta' investment, sabiex tintlaħaq il-mira għall-2020;
 - c) thejġija ta' strateġija integrata għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività;
 - d) implimentazzjoni rapida ta' proġetti ta' interess komuni u l-aħjar użu tal-infrastruttura għall-benefiċċju ta' suq interkonness li jiffunzjona b'mod sħiħ u tas-sigurtà tal-enerġija. Kwalunkwe infrastruttura ġdida għandha tkun kompletament konformi mat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija u legiſlazzjoni oħra applikabbli tal-UE kif ukoll mal-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija.

VI. RENJU UNIT

20. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju politiku ta' fehmiet dwar il-pjanijiet tar-Renju Unit għal referendum dwar jekk jorogħx mill-UE jew le. Wara d-dibattitu sostantiv u kostruttiv tal-lum, il-membri tal-Kunsill Ewropew qablu li jaħdmu flimkien mill-qrib biex isibu soluzzjonijiet sodisfaċenti għat-tnejn li huma fl-erba' oqsma kollha fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fit-18 u d-19 ta' Frar 2016.

VII. RELAZZJONIJIET ESTERNI

21. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa b'mod sħiħ l-isforzi tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja biex jintemm il-kunflitt fis-Sirja permezz ta' proċess politiku konformi mal-Communique ta' Ġinevra tal-2012, u l-isforzi tal-Koalizzjoni Globali biex tingħeleb it-theddida reġjonali u globali li jippreżenta l-ISIL/Da'esh. Ma jistax ikun hemm paċi dejjiema fis-Sirja taħt ir-reġim attwali. L-UE hija impenjata biex tkompli l-involvement attiv tagħha fil-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja u fil-Koalizzjoni Globali kontra l-ISIL/Da'esh. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-Konferenza dwar is-Sirja li ser tiġi ospitata b'mod konġunt mill-Ġermanja, in-Norveġja, il-Kuwajt, ir-Renju Unit u n-NU fl-4 ta' Frar 2016.

22. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-oġġettiv li jingħataw biljun euro addizzjonali bi tweġiba għall-ħtiġijiet urġenti tar-rifuġjati fir-reġjun lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, il-Programm Dinji tal-Ikel u aġenziji oħrajn inqabeż, u li ser jibqa' jagħti attenzjoni għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi tar-reġjun.
 23. L-UE tilqa' l-iffirmar fi Skhirat tal-ftehim politiku Libjan bħala pass importanti ferm u tinsab lesta li tappoġġa l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali hekk kif dan jiġi ffurmat. Hija tkegġeġ lill-partijiet l-oħrajn kollha li għadhom mhumieħ involuti biex jingħaqdu mal-proċess.
-